# AVVIŻI

1. Il-Ħadd 7 u 21 ta’ Lulju 2019 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 4 u 18 ta’ Awwissu 2019 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 1 ta’ Settembru 2019 fis-6.00p.m.
   Il-Ħadd 15 ta’ Settembru 2019 fil-5.30p.m.
   Il-Ħadd 6 u 20 ta' Ottubru 2019 fil-5.00pm.
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista’ jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3 Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta’ sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320 jew email fuq ourladyofconsecration@gmail.com.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba’ kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż kif ukoll brochure b’informazzjoni ġenerali dwar Ġuża u l-Girgenti. Dawn il-kotba u l-brochure jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz hawn fuq imsemmi.
5. Wieħed jista’ jakkwista wkoll santi bit-talba ta’ interċessjoni ta’ Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains,* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. Kopji antiki ta’ dan il-fuljett jistgħu jinqraw minn fuq il-website.
7. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org
8. Facebook: Madonna tal Konsagrazzjoni u Youtube: Guza Mifsud

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta’ dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Best Print - Qrendi

NEWSPAPER POST VO/0236

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 119 Lulju 2019 JITQASSAM BLA ĦLAS



*Fr. Sandro Camilleri sdb jindirizza l-laqgħa tal-5 ta' Mejju 2019 fil-Girgenti*

## IT-TLIETA U TLETIN ANNIVERSARJU

Għaddiet sena oħra u proprju l-Ħadd 5 ta’ Mejju 2019 fakkarna t-tlieta u tletin anniversarju mit-tqegħid ta’ l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti. Wara l-kant ta’ “Lil Marija Reġina”, il-folla mxiet minn ħdejn it-Troll fit-tarf tat-triq il-qadima filwaqt li rreċitat ir-ružarju.

Mal-wasla tad-devoti quddiem l-istatwa tal-Madonna tkanta l-Innu lill-Madonna, nqrat it-talba tal-Konsagrazzjoni, saret il-viżita’ lill-Madonna u ċ-ċerimonja tal-qanpiena li biha nagħmlu riparazzjoni għad-dagħa.

## KONSAGRAZZJONI TAL-FAMILJI

Dakinhar ġiet imġedda l-konsagrazzjoni tal-familji lil Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u l-Qalb Immakulata ta' Marija permezz ta' din it-talba:

Qalb divina ta' Ġesu' u qalb purissima ta' Marija, aħna illum irridu nikkonsagrawlek lilna nfusna u l-familja tagħna. Irridu li tkunu intom is-sidien assoluti tal-familja tagħna.

Qlub imqaddsa ta' Ġesu' u Marija, l-aktar qlub qaddisa u maħbuba tal-Missier Alla, saltnu fuqna u fuq il-familja tagħna bħala familja tagħkom biss. Eħilsu l-familja tagħna mill-ħażen u kull ħsara tax-xitan u tal-bnedmin, ħarsuha u iddefenduha dejjem... il-familja sħiħa u kull membru tagħha.

Imlewna bil-barka u r-risq f'kull għemil tagħna. San Ġużepp ta' qalb l-aktar safja, missier il-Familja Mqaddsa, kun int ukoll il-missier ta' din il-familja bħala l-familja tiegħek kif kienet il-familja ta' Nazaret.

Qlub imqaddsa ta' Ġesu u ta' Marija, żommu magħqudin magħkom lil din il-familja tagħna, biex kif aħna ikkonsagrati lilkom f'din l-art, inkunu ilkoll familja waħda fis-sema, flimkien magħkom għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## MESSAĠĠ B'LEĦEN ĠUŻA MIFSUD

Instema' wkoll dan il-messaġġ. Għal bosta kienet esperjenza sabiħa li instema' leħen Ġuża jidwi mal-inħawi:

"Ħuti maħbubin ma naqtgħux qalbna, il-Mulej u s-Sinjura tal-Ħajja qegħdin magħna, is-sema qegħda fuqna, is-sema qegħda tgħinna, jiena l-Id tal-Providenza t'Alla inħossha dejjem miegħi flimkien ma tar-Reġina tas-sema li hija l-Madonna. Għalhekk dan li ħa ngħidilkom li l-Madonna qalithuli fil-passat u kemm f'dan illejl imqaddes tat-tieni ġurnata tax-xahar ta' April, bħalma għidtilkom illi xewqa kbira tal-Madonna li din il-knisja tfittex issir, kemm biex tkun għas-servizz tagħna l-Maltin u l-Għawdxin u kemm għall-barranin. Dina l-ewwel minn dak li qaltli l-Madonna għax hemm ħafna iżjed x'għandu jsir f'dan il-messaġġ, imma għall-lum jiena fuq dan il-messaġġ ħa nieqaf hawn.

Il-Madonna qaltli, "Ma jafux il-Maltin x'ġawhra preżżjuża hawn fuq dan illi inti qegħda titkellem f'dan il-post illi jiena irriservajt għalija. Hawnhekk huwa djamant kbir għall-gżiritkom għax hawnhekk minbarra li trid tiġi l-osservanza ta' dak kollu li jiena għidtlek, li jiena ispirajtek fuqu, dana hawnhekk ħa jsir post turistiku ħafna, ħa jkun post magħżul kbir mit-turisti li jiġu jżurukom rigward ta' ħafna saċerdoti li għad iridu jiġu minn barra mill-gżejjer tagħkom hawnhekk jagħtu qima lill-Mulej, lis-sema u lili għal dak kollu illi jiena mort nagħmel matul dan l-imbierek ta' messaġġ…

Il-Knisja għandna tinbeda u ma ddumx għaliex iż-żmien qiegħed jidħol, iż-żmien wasal biex din il-knisja tinbeda u tinbeda mill-aktar fis possibbli. Il-knisja bħalma għidtlek trid tkun irriservata għall-Mulej, Ġesù, l-Ispirtu s-Santu, jiena li jiena l-Madonna, l-għarus divin tiegħi San Ġużepp u l bqija tas-sema biex minn hawn is-sema jkollha tifħir u tifħir l-aktar kbir.

U għalhekk anka minn qed jiġi hawn kemm fil-passat u kemm fil-preżent, dana għalih u għad-dinja qiegħed jagħmel sagrifiċċji kbar, imma ta' dan is-sema ħa tpattilu u jiena ħa ngħidlek Binti illi l-knisja trid tkun ħafna umli, sempliċi, imneżża minn kull ħaġa li tiġbed l-għajn. Li tiġbed l-għajn huwa li minn hawn jitla' ħafna tifħir lis-sema adorrabbli t'Alla. Hawnhekk għandu jkun biss post nadif mill-menti, mill-ħsieb, mill-ilsien u minn dak kollu li tirrakomanda d-dinja għall-pjaċiri qarrieqa tagħha. Hawnhekk ikun post l-aktar riservat biex jagħti ġieħ, glorja u qima lill-Mulej, u ta' dan Binti kompli għamel kuraġġ għax dan il-kuraġġ li kellek fuqek minn żmien il-passat mhux tal-ħamsinijiet imma ta' qabel il-ħamsinijiet, tan-nofs u tal-preżent, sar ħafna ġid. Dana l-ġid li forsi n-nies m'humiex jindunaw bih, l-aktar ġid fl-erwieħ, l-erwieħ li hawnhekk sabu l-mistrieħ tagħhom għax sabu l-konverżjoni ta' ruħhom, ingħaqdu ma Alla..."

## MARIJA, ID-DJAMANT T'ALLA

Għal din il-laqgħa kien mistieden Fr. Sandro Camilleri sdb li waslilna dan il-messaġġ:

"Ħafna rejiet u rġejjen juru l-istat għoli tagħhom u l-preġju tad-dinjità tagħhom billi f'okkażżjonijiet speċjali jilbsu kuruna miżgħuda b'ħaġar prezzjuż. Naħseb mhux l-ewwel darba nzertajna rajna lir-reġina Eliżabetta II tal-Ingilterra b'xi kuruna bħal din fuq rasha, partikolarment f'okkażżjonijiet importanti. Bejni u bejn ruħi, jum minnhom meta appuntu rajt lir-reġina libsa b'din il-kuruna tlellex b'dak il-ġawhar kollu, għaddieli dan il-ħsieb minn moħħi dwar Marija u xtaqt naqsmu magħkom hawn illejla f'din l-okkażżjoni hekk speċjali:

Żgur li taqblu miegħi, li fost il-ħaġar l-aktar prezzjuż u apprezzat anke minna llum huma d-djamanti. Filfatt, jiena nemmen illi li kieku Alla, bħala Sultan tagħna tal-univers kollu, kellu jkollu kuruna, ċertament l-isbaħ, l-ifjen u l-akbar ħaġra prezzjuża fiha tkun Marija li bħal djamant radjanti, tkun imqegħda fiċ-ċentru ta' din il-kuruna. Forsi jkun hemm min jistaqsi, "Imma għaliex djamant? Għaliex mhux eżmerard, żaffir jew rubin?" Dan ix-xebh ta' Marija ma' djamant ġibtu mill-fatt ta' kif djamant isir dak li hu. Fil-bidu, djamant ikun faħam iswed iżda mal-medda taż-żmien, taħt pressjoni enormi, bil-mod il-mod, dan il-faħam jinbidel u jsir il-ħaġra trasparenti li nafu aħna. Madankollu, anke meta din il-ħaġra tinqata', ikun jeħtieġ li tgħaddi minn proċess twil qabel ma ssir id-djamant kif nafuh aħna - jiġifieri dik il-ħaġra meraviljuża

li tilma u tleħħ b'qawsalla ta' lwien, speċjalment fid-dawl tax-xemx.

Mela meta djamant jinstab, irid l-ewwel jiġi ppolixjat u mnaddaf sabiex it-trasparenza tiegħu, toħroġ aktar. Wara dan il-proċess, id-djamant ikun irid jingħata daqqiet professjonali sabiex b'dawk l-angolaturi maqtugħin professjonalment, malli r-raġġi tad-dawl jolqtu d-djamant, dawn isebbħu u joħorġu dejjem aktar is-sbuħija ta' din il-ħaġra prezzjuża li hi b'saħħitha ħafna. Tidher fraġli imma hi ta' qawwa kbira. Huwa ladarba tgħaddi minn dan il-proċess kollu, li mbagħad djamant isir kif nafuh aħna.

## MARIJA NTELQET KOMPLETAMENT FI ĦDAN ALLA

Issa ma' dan il-proċess nara xebħ kbir ma' Marija. Marija ta' Nażaret għaddiet minn tbatijiet kbar matul ħajjitha kollha. Dawn id-diffikultajiet ċertament ħolqu fiha u fuqha, pressjonijiet kbar imma dawn il-provi komplew issebbħuha bħala persuna għax hi ntelqet kompletament fi ħdan Alla b'fiduċja kbira. Il-provi u t-tbatijiet li għaddiet minnhom ma begħduhiex minn Alla imma qarbuha dejjem aktar lejH għax hi kienet bniet ħajjitha fuqu bħalma djamant jinbena waqt li jkun f'minjiera. X'kienu dawn id-diffikultajiet li spiss ninsew meta nitkellmu fuq Marija għax narawha bħala r-reġina tagħna, Omma Alla u nieqfu hemm?

Ftakar meta Gabrijel ħabbrilha li ġiet magħżulha biex issir Omm Alla. Aħbar tassew sabiħa u kbira imma għalkemm Marija afdat u qalet iva, ħsiebha ċertament kien x'ser jaħseb Ġużeppi, l-għarus għażiż u safi tagħha u anke l-ġenituri tagħha. Min jaf kemm taqtqu u qassqsu l-ġirien li bħal dejjem, jerfgħu salib in-nies! Xejn ġdid! Nafu li malli Ġużeppi ntebaħ li Marija kienet tqila, għalkemm kien iħobbha ħafna u qalbu nqasmet bl-uġigħ, ħaseb ħażin u kien se jitlaqa' fil-moħbi sakemm ma' ġiex anġlu jgħidlu li 'dak li tnissel fil-ġuf safi ta' Marija, tnissel bil-qawwa tal-Ispirtu ta' Alla.' Li kieku Ġużeppi baqa' ma emminx, Marija kienet tirriskja tiġi mħaġġra għax dik kienet il-kundanna fi żmienha għal tfajla li tinqabad tqila qabel iż-żwieġ. Araw Marija minn liema tbatija għaddiet sa mill-bidu nett! Wara dan, ftit wara li żżewġu, kważi fi tmiem it-tqala tagħha, Marija kellha takkumpanja lil żewġha sa Betlehem fejn kellu jsir iċ-ċensiment. Immaġinaw ftit lil Marija, kważi waslet biex twelled, trid titlaq lil ommha u lil missierha f'dan il-waqt ta' bżonn hekk kbir, u terħilha għal għonq it-triq fuq vjaġġ ta' tlett ijiem, jekk mhux aktar, u fuq dahar ta' ħmara! Ċertament ma kienx vjaġġ komdu u minn jaf x'ħasbet Marija matul il-vjaġġ.... Kienet se twelled lil Ġesu, imma fejn, min kien ser jgħinha?

Malli waslu Betlem, nafu li t-tarbija divina kienet għodda waslet biex titwieled imma post diċenti u dekoruż għat-twelid ma setax jinstab. Min jaf umanament kemm taqtqet qalb Marija filwaqt li kompliet tafda li Alla



kien se jipprovdilhom post. Minn jaf x'għadda minn ħsibijietha f'dawk il-waqtiet hekk diffiċli. Spiċċaw jingħataw naqra ta' għar u hemm qalb l-annimali, twieled Ġesù Bambin. Żgur li bħal kull omm oħra, Marija xtaqet kieku Binha jitwieled f'post aħjar u aktar għall-kenn u nadif imma ma kien instab imkien aktar ħlief hemm. Alla li ħalaq il-kożmos kollu, ma kienx sab post fejn jitwieled f'Betlem ħlief f'għar!

Bilkemm kellhom ċans jistrieħu mill-vjaġġ twil u mill-battikata li jsibu post fejn jitwieled Ġesu Bambin, li Marija u Ġużeppi ma kellhomx jaħarbu b'ta fuqhom senduqhom lejn l-Eġittu sabiex ma jinħakmux mill-feroċja omiċida ta' Erodi li ried joqtol lit-tarbija Ġesù U kif nafu spiċċa biex qatel tant trabi subien tat-twelid biex mingħalih iwarrab it-theddida għall-poter li dan il-fqajjar Re divin kien se jkun għalih. Minn jaf x'ħasset Marija? Min jaf il-biżgħa, l-inkwiet, l-għafsa ta' qalb li mhux sejra lura pajjiża imma lejn pajjiż li fih ma kellhom lanqas għajxa ta' lejla. Il-familja mqaddsa spiċċaw refuġjati fl-Eġittu!

## ŻAMMET KOLLOX F'QALBHA MMAKULATA

Snin wara nafu li Marija u Ġużeppi tilfu lil Ġesu u sabuħ biss wara tlett ijiem li kienu ilhom ifittxuh bil-ħerqa. Minn jaf x'għadda minn moħħ Marija dak il-ħin? Minn jaf kemm tħasbet x'kien sar mill-għażiż BinHa Alla? Nafu malli ratu li staqsietu għaliex għamlilhom hekk u t-tweġiba tal-Mulej, ħalliha ħosbina. Żammet kollox f'qalbha mmakulata u ħasbet u xtarret dak li kien qalilha.

Għaddew bosta snin oħra u nafu li Marija romlot meta miet Ġużeppi. Żgur ħasset in-nuqqas tiegħu! Sakemm kellha lil Ġesù magħha, Hu kien jieħu ħsiebha u jipprovdilha għall-għixien ta' kuljum mix-xogħol ta' mastrudaxxa li kien tgħallem mingħand Ġużeppi imma mbagħad malli għalaq tletin sena, Ġesù kellu jitlaq lil għażiża Ommu waħedha biex jibda l-missjoni li għaliha Alla l-Missier kien bagħtu fostna, jiġifieri, li jkun il-Messija tant mistenni, li jkun is-Salvatur u r-Redentur tagħna. Żgur qalb Marija tnikktet tara lil Binha sejjer għalkemm ovvjament ma waqfitux u ma żammitux għax kienet taf u taqbel mar-rieda tal-Missier! U xi ngħidu għax-xniegħat li kienu jaslulha fuq Binha – li kien tilef moħħu, li kien wikkiel u sakranazz, li kien jagħmilha mal-midinbin... Bħal kull omm, żgur li tħasbet tisma' dan waqt li baqgħet tappoġġa u temmen f'BinHa Alla. Imma weġġgħet tarah mhux mifhum, mhux milqugħ min niesu stess.

Iż-żmien kompla għaddej u wasal il-waqt il-kbir tal-passjoni. Żgur li Qalb Marija, bħal ta' kull Omm ta' veru, batiet flimkien ma' Binha. Żgur li mhijiex imsejħa s-Sultana tal-Martri għal xejn! Marija batiet martirju sħiħ tara lil BinHa, safi u bla ħtija ta' xejn ħlief li ħabb fuq li ħabb, jiġi ttradut minn Ġuda, miċħud minn Pietru, żgur weġġgħet li l-appostli kollha ħarbu u ma qabżux għal Binha, żgur li soffriet tbatija enormi tarah imsawwat u fflaġġellat

bla ħniena, jiġi kkundannat bħala l-agħar kriminal, jitlibbes kuruna tax-xewk, jiġi żżuffjettat u mgħobbi bis-salib, jaqa' tliet darbiet taħt it-toqol tas-salib, jiġi mogħti daqqiet ta' ponn u ta' ħarta u fl-aħħar jiġi mneżża', imsallab u mogħti mewt kiefra fuq is-salib – l-agħar mewta u l-aktar mewta kiefra li wieħed seta' jingħata. Qalb Marija ma nqasmitx għax ċertament Alla kien qed iwiżinha u jgħinha f'dak il-waqt hekk ikrah. Minn jaf x'ħasset tul is-siegħat ta' agunija ta' Ġesu mas-salib u minn jaf x'dulur kellha meta tawha l-ġisem mejjet ta' Binha wara li tniżżel mis-salib... Araw kemm tbatija nisġet il-ħajja ta' Marija matul is-snin... Imma t-tbatija ma għalqithiex fiha nfisha, imma sebħitha għax għexitha ma' Alla li taha s-saħħa kollha meħtieġa biex ma togħtorx taħtha.

## MARIJA KIBRET AKTAR FL-ISBUĦIJA TAGĦHA

Mela bħalma djamant isir dak li hu wara pressjoni kbira u wara li jiġi ppolixjat professjonalment biex toħroġ is-sbuħija moħbija tiegħu, daqstant iehor Marija wara li għaddiet minn din it-tbatija kollha kibret aktar fl-isbuħija tagħha bħala Mara u bħala Omm Alla.

Iżda dan ma kienx biżżejjed. Bħalma djamant jeħtieġ jingħata daqqiet professjonali biex malli jintlaqat mid-dawl, jilma bil-ġmiel, Marija wkoll ġiet imħejjija minn Alla biex tikber aktar fl-isbuħija ħalli tkun Omm xierqa għal Ibnu billi għamilha Immakulata Konċezzjoni, billi baqgħet dejjem Verġni qabel, waqt u wara t-twelid, billi saret Omm Alla u billi ġiet imtella' s-sema bir-ruħ u l-ġisem tlett ijiem wara mewtha... Dan kollu kompla kabbar id-dinjità u l-ġmiel ta' Marija li bħal djamant dejjem tgħammixna u tgħaxxaqna bl-isbuħija li l-artiġjan Divin ħoloq fiha u biha. Araw mela kemm tassew Marija jixirqilha tkun imsejħa Djamant ta' Alla! U bħalma djamant, toħroġ sbuħitu fid-dawl, daqstant ieħor Marija toħroġ sbuħitha malli Ġesù, id-Dawl tad-dinja, jgħaddi minnha sabiex jitwieled bniedem bħalna f'kollox minbarra fid-dnub.

U Marija, id-djamant t'Alla, hi għalina lkoll Omm li tħobbna ferm aktar milli naħsbu u titlobna biss sabiex nisimgħu minn BinHa u nagħmlu dak li jgħidilna Hu. Lesti nobduha? L-għażla f'idejna imma jekk bħalha lil Alla ngħidulu iva, jagħmel miċ-ċokon tagħna, kapulavur u magnifikat li ma jtemm qatt għal akbar glorja Tiegħu."

Din il-laqgħa kien ukoll imżewqa b'diversi innijiet marjani mill-Mezzo Soprano Graziella Debattista akkumpanjata fuq l-orgni mis-Sinjura Rose Piccinino.

Laqgħa xierqa għal anniversarju hekk sabiħ. Grazzi lil Alla, lill-Mulej Ġesù, l-Ispirtu s-Santu, l-Madonna u s-sema kollha. Grazzi wkoll lil dawk li attendew jew li segwew il-laqgħa fuq Facebook.

**Sylvana Spiteri LL.D**



## TALBA

Sinjur Alla tal-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volontà mqaddsa tiegħek.
Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Ammen.
*Glorja lill-Missier...*

## RINGRAZZJAMENT

Il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni jirringrazzja lil dawk il-qarrejja li jibagħtu xi donazzjoni sabiex itaffu ftit mill-ispejjeż ta' dan il-fuljett. Għalkemm il-Fuljett jitqassam bla ħlas imma l-ispejjeż tal-istampar u tal-posta huma sostanzjali u għaldaqstant kull donazzjoni hija ferm apprezzata. Inwegħdu t-talb tagħna lil dawn il-benefatturi. Il-Mulej iberrikkom, il-Madonna żżommkom taħt il-protezzjoni tagħha u Ġuża Mifsud tinterċedi għalikom fil-bżonnijiet tagħkom.

## L-ANNIVERSARJU MILL-MEWT TA' ĠUŻA MIFSUD

**Fl-okkażżjoni tat-tlieta u għoxrin anniversarju mill-mewt ta' Ġuża Mifsud, ser tiġi ċelebrata quddiesa għar-ruħha fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi it-Tnejn 28 ta' Ottubru 2019 fis-6.30p.m. Nappella sabiex nattendu bi ħġarna.**

## *LIVE STREAMING* TAL-LAQGĦAT TA' TALB FIL-GIRGENTI

Il-laqgħat ta' talb li jsiru kull l-ewwel u kull tielet Ħadd tax-xahar fil-Girgenti qegħdin jixxandru *live* fuq il-paġna ta' *Facebook* Madonna tal Konsagrazzjoni. Dan huwa mezz kif dawk li ma' jkunux jistgħu jattendu għal-laqgħat, xorta jkunu jistgħu isegwu t-talb li jsir u jħallu l-kummenti u l-intenzjonijiet tagħhom. Inħeġġukom sabiex dejjem tagħmlu *share* kemm tal-laqgħat kif ukoll tal-informazzjoni l-oħra li tittella' fuq il-paġna Madonna tal Konsagrazzjoni.